MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 1483/2010

**Fogg Insurance Agencies Ltd (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) ltd u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Winston Cutajar u l-istess Winston Cutajar**

**vs**

**Kunsill Lokali Mosta**

**It-Tribunal,**

**Ra** li t-talba tas-socjeta' attrici hi formulata hekk:-

1. Nhar l-1 ta' Dicembru 2009 sehh incident gewwa Triq il-Fortizza, Mosta ghall-habta tad-9am illi bhala konsegwenza tieghu il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni WIN 310 propjeta' ta' l-attur Winston Cutajar soffriet hsarat. Dan l-incident sehh bhala rizultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni, xoghol traskurat, u/jew mhux skond is-

sengha u l-arti, illi sar fl-imsemmija triq minn jew fuq l-inkarigu tal-konvenut Kunsill Lokali;

2. Illi b'hekk isegwi illi l-incident *de quo* sehh unikament bhala rizultat tan-negligenza, non-kuranza, jew non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut Kunsill Lokali;

3. Illi ghalhekk il-konvenut Kunsill Lokali ghandu jigi kkundannat sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin Ewro u tmintax-il centezmu (€575.18), rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' mija u hdax-il Ewro (€110.00) l-*excess payment* illi l-attur Winston Cutajar hallas in konnessjoni ma' dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' erba' mija u hamsa u sittin ewro u tmintax-il centezmu (€465.18) rapprezentanti d-danni kollha sofferti illi ghalihom ghamlet tajeb is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Ltd abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju 2010, u ta' l-ittra ufficjali illi qieghda tintbaghat lill-Avukat Generali u ohrajn kontestwalment ma' dana l-Att, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra uffijcali tat-8 ta' Gunju 2010 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, illi jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Ra** r-<u>RISPOSTA</u> kif gej:-

1. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi fl-ewwel lok mhux minnu illi l-Kunsill Lokali esponenti kien qieghed jaghmel xi xoghlijiet fit-triq fejn allegatament sehh l-incident.

2. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi fit-tieni lok kwalunkwe danni imgarrba kif ukoll l-incident sehhew unikament tort tan-negligenza u imperija ta' Winston Cutajar u dan kif ser jirrizulta ahjar matul it-trattazzjoni tal-lewza.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom. L-attrici huma minn issa ngunti in subizzjoni.

**PROVI**

**Ra** li l-provi mressqa kienu dawn.

A1 **Winston Cutajar** esibixxa 4 ritratti (li ha hu) li juru wicc it-triq fejn sehh l-incident kif kien dak in-nhar tal-incident (Dok NC 1 sa 4), *a fol* 10-13).

2 Xehed li fl-1.12.2010 kien isuq il-car WIN 310 fi Triq il-Fotizza (it-telgha t'Alla w'ommu) lejn il-Mosta. Hi triq miksija mit-tarmac u f'daqqa wahda sama hoss fuq quddiem lejn il-lemin. Waqaf u sab ir-rim mghawweg u buzzieqa fit-tyre. Meta spezzjona t-triq sab hofra ta' xi 1.5m dijametru, fonda u b'xifer. Irrapporta l-incident l-Ghassa tal-Mosta.

3 Hu *comprehensively insured* mas-socjeta' assikuratrici attrici u hallas l-*excess*.

4 Meta ghadda mit-triq xi hmistax wara, sab li l-hofra kien nghatalha t-tarmac.

5 In kontro-ezami, qal li hu ma kienx ra l-hofra. Cert li l-hofra kkawzatlu d-danni ghax sama l-hoss dlonk li ghadda minn fuqha. Fiha fond ta' mill-inqas 3 cm.

B1 **WPC 108 Gizelle Attard** xehdet li fl-1.12.2009 xi l-10:30am Winston Cutajar irrapporta l-incident in kwistjoni. Ikkonfermat ir-Rapport Dok GA firmat minnha.

2 Dan ir-Rapport: *a fol 19* jghid:-

*Complainant reported today 01.12.2009 at Mosta Police Station that this morning at about 09:00 hrs while he was driving in Fort Road, Mosta towards Constitution Street, Mosta he accidentally drove into a pot hole and damaged his vehicle.*
*Report lodged for Insurance purposes.*

C1 **<u>Simon Paris</u>**, Claims Manager tas-socjeta' attrici, xehed permezz ta' affidavit (*a fol* 21 *et seq*). Qal li Winston Caruana kien "comprehensively insured" maghhom u fetah claim fuq l-incident *de quo* u hallas €110 *excess.*

2 Alfred Farrugia, *registered Motor Vehicle Surveyor* gie mqabbad jezamina l-hsara, hareg is-*Survey Report*, Dok SP1 u l-kumpanija awtorizzat it-tiswijiet. Id-danni telghu ghal €575.18c. (Hawn nghataw dettalji u gew inkluzi €34.95, hlas lis-surveyor u €184.44 spejjes legali – kollox dettaljat).

D Fl-udjenza tat-23 ta' Gunju 2011 id-difensur tal-Kunsill konvenut stqarr li Triq il-Fortizza taqa taht il-kompetenza tal-Kunsill imsemmi.

E1 **<u>Philip Azzopardi</u>** qal li hu kien jiehu hsieb il-manutenzjoni li taqa taht il-Kunsill Lokali tal-Mosta meta gara l-incident *de quo*. Qal li meta jidhol ilment, is-Segretarju tal-Kunsill ikellmu biex jistharreg il-kaz u jara x'rimedju jkun xieraq. Sa fejn jiftakar hu bejn in-nofs u l-ahhar ta' Dicembru 2008 ma kienx dahal xi lment rigwardanti l-kondizzjoni ta' Triq il-Fortizza.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-TRIBUNAL jikkunsidra kif gej:-

1. Hu dover ta' Kunsill Lokali li jara li t-toroq li jaqghu tahtu jkunu fi stat ragjonevolment tajba. Id-dmir tal-Kunsill mhux limitat filli jiehu passi meta jsirlu lment izda ghandu dmir ta' sorveljanza biex meta xihaga ma tkunx f'postha jiehu passi fil-hin u dana qabel jircievi xi lment u qabel isir xi ncident li jingieb a konjizzjoni tal-Kunsill.

2. Hu pruvat li t-triq in kwistjoni kellha hofra li kkagunat l-incident li minnu qed jilmentaw l-atturi u s-sitwazzjoni giet rimedjata <u>wara</u> li sehh dan l-incident.

3. Sewwieq irid izomm “proper look-out” izda hofra mhux mistennija mhux dejjem tindna biha – anke minhabba ic-cirkolazzjoni generali tat-traffiku dak il-hin. Hawn irid wiehed joqghod attent li ma jaqbadx u instintivament jipprova jiehu “evasive action” li tirrizulta f’xi ncident stradali aghar – kif giet li gara u anke gew kagunati fatalitajiet.

4. It-TRIBUNAL ghalhekk ihoss li ghal dan l-incident ghandu jwiegeb il-Kunsill, bla ebda htija kontributorja da parti ta’ Winston Caruana.

5. Dwar *quantum* ta’ danni, ma jidhirx li l-Kunsill ghamel xi oggezzjoni billi sar xi kontro-ezami li sata kien ikun l-ahjar prova. Izda l-attur dejjem irid b’danakollu jipprova dak li jallega, sew dwar responsabilita’ kif ukoll dwar *quantum* ta’ danni jekk tinsab responsabilta’. It-TRIBUNAL jinnota li fid-Dok SP1 jissemmew specifikament *tyre* u *alloywheel* waqt li fir-ricevuta tal-VAT Dok SP2 jissemmew *tyres.* Hu legittmu li jitqies li din ir-ricevuta (li turi hlas attwali) tirriferi ghaz-zewg *parts* indikati.

**KONKLUZJONIJIET**

Meqjus dan kollu, u wara li sama lid-difensuri it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kunsill Lokali Mosta (2) jiddikjara lill-istess Kunsill responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur (3) **jikkundanna** lill-istess Kunsill ihallas *quantum* ta’ danni fl-ammont ta’ €465.18 lil Fogg Insurance Agencies Ltd noe u fl-ammont ta’ €110 lil Winston Caruana (4) bl-ispejjes ta’ dina l-kawza jithallsu kollha mill-konvenut Kunsill Lokali Mosta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------